**6 ta' April, 1987**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Carmelo Schembri LL.D. – President**
**Onor. Hugh Harding B.A., LL.D., F.S.A., F.R.Hist.S.**
**Onor. Carmelo A. Agius B.A., LL.D.**

Albert Mizzi *et noe*

*versus*

Lewis Cassar

**Appalt – Appell – Risposta ta'**

*Is-soċjetà attriċi fittxet minħabba appalt ta' madum għaliex irriteniet illi x-xogħol ma kienx sar skond l-arti u s-sengħa. L-ewwel Qorti laqgħet it-talba tas-soċjetà attriċi għal dikjarazzjoni li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa u ma ppronunzjatx ruħha fuq it-talbiet l-oħra.*

*Is-soċjetà attriċi appellat: fl-istadju ta' l-Appell ġiet sfilzata r-risposta ta' l-Appell għaliex ma kinux inġibu fiha raġunijiet għaliex l-Appell kellu jiġi respint.*

*Il-Qorti ta' l-Appell laqgħet it-talbiet attriċi "in toto" u kkundannat lill-konvenut sabiex jagħmel tajjeb a spejjeż tiegħu għax-xogħol ħażin.*

Il-Qorti: –

Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-atturi wara li ppremettew li in forza ta' ftehim iddatat 5 ta' Frar, 1980, il-konvenut aċċetta

l-inkariku illi jwaħħal madum tal-ħajt, fil-Lukanda Selmun Palace, Selmun; U billi rriżulta illi t-tqegħid ta' dan il-madum ma sarx skond l-arti u s-sengħa għar-raġunijiet esposti fiċ-ċertifikat irrilaxxjat mill-Perit J.R. Mifsud; U billi l-oneru għar-rimpjazzar u tqegħid mill-ġdid tal-madum tispetta lill-konvenut appaltatur li nonostante li ġie interpellat anke uffiċjalment naqas li jagħmel tajjeb għad-difetti fix-xogħol minnu esegwit; l-istess atturi *nomine* talbu li dina l-Qorti:

(1) tiddikjara illi x-xogħol li sar mill-konvenut konsistenti fit-tqegħid ta' madum tal-ħajt fil-Lukanda Selmun *Palace* ma sarx skond l-arti u s-sengħa;

(2) tikkundanna lill-istess konvenut biex jagħmel tajjeb għal dan ix-xogħol neċessarju a spejjeż ta' l-istess perit nominad; Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra interpellatorja tas-17 ta' Diċembru, 1981, u ta' l-ittra uffiċjali ta' l-20 ta' Jannar, 1982, kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda ta' l-attur;

Rat in-nota ta' eċċezzjonijiet tal-konvenut li biha eċċepixxa illi t-talba attriċi kienet infondata fil-fatt u fid-dritt peress li x-xogħol li għamel il-konvenut sar skond l-arti u s-sengħa, ġie approvat mill-periti ta' l-atturi *nomine* u l-konvenut tħallas ta' kollox – salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni u n-nota tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-digriet li bih ġie nnominat bħala Perit l-A.I.C. Michael Angelo Refalo biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tat-talba attriċi wara li jieħu konjizzjoni ta' l-eċċezzjonijiet tal-

konvenut, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ;

Rat li l-imsemmi Perit ippreżenta u ħalef ir-relazzjoni tiegħu debitament fl-udjenza tas-17 ta' Ottubru, 1984;

Rat is-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti tal-Kummerċ tas-27 ta' Frar, 1985, li biha laqgħet l-ewwel talba ta' l-atturi u *in vista* ta' l-operat ta' l-atturi fil-mori tal-kawża astjeniet milli tippronunzja ruħha dwar it-talbiet l-oħra ta' l-atturi bl-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jitħallsu bin-nofs bejn il-kontendenti u dan wara li kkunsidrat:

"Illi l-Perit fuq indikat wara li investiga kwistjonijiet involuti fil-kawża, wasal għall-konklużjoni li:

1) il-fatt li l-perit ta' l-atturi approva x-xogħol tal-konvenut u ċċertifika tajjeb tant li tħallas kollox ma jeżonerax lill-konvenut mill-obbligu tiegħu li x-xogħol kellu jagħmlu skond l-arti u s-sengħa u dana partikolarment għax meta ħa l-appalt intrabat li *"the workmanship is to be of first class quality and the contractor will be entirely responsible for the proper and efficient carrying out of the whole work;*

2) il-ħsara lamentata, minbarra dik fil-*glazed tiles* tal-kċina kienet dovuta għal xogħol li ma sarx sa skond l-arti u s-sengħa mill-konvenut u li dan għandu jagħmel tajjeb għall-ħsara li l-Perit stmaha li tlaħħaq is-somma ta' Lm2544";

"Illi riferibilment għall-ewwel konklużjoni peritali fuq indikata, minn eżami akkurat tal-provi miġbura jidher li l-istess Perit għamel l-apprezzament tajjeb u ġust tal-provi li ressqu l-

kontendenti u applika korrettement il-prinċipji li jirregolaw il-każ. Għalhekk, il-Qorti, tagħmel tagħha din il-konklużjoni peritali u dan għar-raġunijiet indikati fl-istess relazzjoni li qegħdin jiġu addottati u li ma hemmx ħtieġa li jerġgħu jiġu ripetuti hawn. Jingħad biss hawn li l-verifika u l-eventwali approvazzjoni tax-xogħol issir għall-finijiet ta' ħlas ta' l-appaltatur u ġie ritenut li b'daqshekk dan ma jiġix eżonerat milli jibqa' responsabbli skond il-liġi għal dawk id-difetti mhux immedjatament apparenti u li nonostante kontroll diliġenti ma jistgħux jiġu skoperti fil-mument tal-verifika ta' l-approvazzjoni (Koll. Vol. XLI.I.,667). La l-Qorti waslet għal din il-konklużjoni ċertament ma tħossx li hu l-każ li tissejjaħ fil-kawża s-soċjetà *Building & Design Consultants Limited* kif issottometta l-konvenut fis-seba' paragrafu tan-nota ta' osservazzjonijiet tiegħu;

Is-sottomissjoni l-oħra kkontenuta fit-tmien paragrafu lanqas jidher li jkun ġust li tintlaqa' għaliex il-Perit diġà żamm aċċess u ġew prodotti l-provi kollha u mhux il-każ li jerġa' jinfetaħ is-smigħ tal-provi meta jidher li l-istess provi ġodda ftit jistgħu jkunu relevanti għall-każ;

Illi dwar l-aħħar sottomissjoni tal-konvenut li l-atturi ma kellhomx jedd li jirranġaw huma l-madum qabel ma din il-Qorti tiddikjara li x-xogħol ma sarx skond l-arti u s-sengħa u li għalhekk it-talbiet tagħhom ma jistgħux jiġu milqugħa. Din il-Qorti jidhrilha li l-atturi ppreġudikaw irwieħhom serjament meta minn rajhom u bla ebda awtorità ta' ħadd qabdu u sewwew huma l-ħsara (jew parti minnha) lamentata, għaliex f'dawn iċ-ċirkostanzi l-aħħar żewġ talbiet tagħhom sfaw eżawriti;

Illi fl-aħħarnett l-istima li għamel il-Perit Ġudizzjarju ma kinitx strettament neċessarja għall-kawża (għalkemm tista' sservi

għal skop ta' transazzjoni). Il-Qorti tillimita ruħha biss li tgħid, a skans ta' ekwivoċi, li dwar l-istess stima għandha ċerti riservi li jkun għal kollox superfluwu li tkompli tamplifika fuq din l-istima;

Rat a fol. 85, in-nota ta' l-appell ta' l-atturi *nomine* u a fol., 86 sa 89 il-petizzjoni ta' l-appell tagħhom *nomine* li biha talbu li din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn laqgħet l-ewwel talba, tirrevokaha in kwantu astjeniet dwar it-tieni, u t-tielet domanda tagħhom u minflok tilqa' l-istess talbiet – bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut appellat;

Rat a fol. 92 ir-risposta ta' l-appellat li biha fil-mertu ssottometta li s-sentenza appellata hija ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż ta' dan l-appell kontra l-atturi appellanti;

Rat il-verbal tas-seduta tat-13 ta' Ottubru, 1986, quddiem din il-Qorti minn fejn jirriżulta li l-appellanti *nomine* talbu l-isfilz tar-risposta ta' l-appellat billi din ma tissodisfax il-vot tal-liġi;

Rat l-atti tal-kawża li huma rilevanti u opportuni;

Semgħet it-trattazzjoni kemm fuq it-talba għall-isfilz tar-risposta ta' l-appell kif ukoll fuq il-mertu ta' l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi kif deċiż minn din il-Qorti *in re* Ellul *utrinque* fis-6 ta' Diċembru, 1985 meta f'risposti ta' l-appell bħal dik f'dal-każ, kontrarjament għal dak li jipprovdi l-artikolu 143(1) tal-Kap. 15, ma jkunux inġiebu r-raġunijiet għala l-appell għandu jiġi

miċħud, l-istess risposta għandha tiġi sfilzata għax mhux skond il-vot tal-liġi;

Għalhekk fl-ewwel lok tilqa' t-talba ta' l-appellanti għall-isfilz tar-risposta ta' l-appell billi tordna l-isfilz ta' l-istess;

Ikkunsidrat fuq il-mertu;

Illi l-appellanti *nomine* ħassuhom aggravati bid-deċiżjoni ta' l-Ewwel Onorabbli Qorti li tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tat-tieni u t-tielet talbiet tagħhom u bħala aggravji ssottomettew li ġej u ċjoè:

1) L-Ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx ġustifikata tikkonkludi li huma kienu ppreġudikaw irwieħhom serjament meta minn rajhom u bla ebda awtorità ta' ħadd qabdu u sewwew huma l-ħsara (jew parti minnha) lamentata. Skond l-appellanti l-argument jew aħjar konklużjoni ta' l-Ewwel Qorti li b'daqshekk l-aħħar żewġ talbiet tagħhom sfaw eżawriti ma jsegwix;

2) Mir-relazzjoni tal-Perit stess jirriżulta li anke tenut kont ta' dak li rranġaw l-atturi *nomine* appellanti xorta kien għad fadal ħafna u ħafna madum li kien twaħħal ħażin u li ried jinqala' u jitwaħħal mill-ġdid;

3) Oltre dan fejn it-*tiles* inbidlu mill-appellanti *nomine*, bħal per eżempju fil-kċina, u f'xi *toilets*, il-Perit relattiv ma addossa l-ebda responsabbilità fuq il-konvenut għax-xogħol mhux skond l-arti u s-sengħa;

4) Inoltre, kwantu għax-xogħlijiet rimedjali li esegwew l-appellanti *nomine* dawn kellhom jagħmluhom biex jottemperaw

ruħhom mal-liġijiet sanitarji għax inkella jkunu jiksru d-disposizzjonijiet tal-liċenzja bħala operaturi ta' lukanda;

Ikkunsidrat:

Illi qabel xejn jiġi osservat illi l-ewwel Qorti laqgħet l-ewwel talba ta' l-atturi *nomine* ċjoè ddikjarat illi x-xogħol li sar mill-konvenut konsistenti fit-tqegħid ta' madum tal-ħajt fil-lukanda Selmun *Palace* mar sarx skond l-arti u s-sengħa. Mill-parti tad-deċiżjoni li mhix mertu ta' dan l-appell il-konvenut ma interpona ebda appell u dan fil-fehma ta' din il-Qorti hu ta' importanza kònsiderevoli. Infatti l-atturi *nomine* wara li kienu ppremettew li x-xogħol sar ħażin għamlu t-talbiet tagħhom wara li ddikjaraw li l-oneru għar-rimpjazzar u tqegħid mill-ġdid tal-madum jispetta lill-konvenut u li huwa kien naqas milli jagħmel tajjeb għax-xogħol ħażin minnu esegwit;

Il-Perit Tekniku nnominat mill-ewwel Qorti ppreżenta rapport iddettaljat li minnu jirriżulta bla dubju ta' xejn illi verament ix-xogħol li esegwixxa l-konvenut sar ħażin u mhux hekk biss iżda li oltre dak li temporanjament irrimedjaw għalih l-atturi *nomine* għalkemm eluf u eluf ta' madum li jrid jinqala' minn mal-ħajt u jitwaħħal mill-ġdid. Infatti jirriżulta mir-relazzjoni tal-perit illi:

a) Skond ix-xhud Joseph Zammit għad hemm ċirka 425 jarda kwadra ta' *tiles* li jrid jinqala' u jerġa' jsir mill-ġdid ċjoè qies ta' ċirka 15,500 maduma (ara para. 28 tar-relazzjoni);

b) Fl-aċċess il-perit ikkonstata li kien għad hemm diversi kmamar li fihom il-madum kien jinstama' maqtugħ minn mal-ħitan (ara para. 29);

ċ) Il-Perit ikkonstata li l-atturi indikaw ċirka 15,300 maduma diġà waqgħu u reġgħu tqiegħdu mill-ġdid minnhom jew li waqgħu u għadhom ma tbiddlux jew li huma maqtugħin minn mal-ħajt u għalhekk jeħtieġ li jinbidlu (ara para. 43);

d) L-istess Perit fil-para. 52 ikkonkluda illi ad eċċezzjoni tat-*tiles* fil-kċina l-konvenut huwa responsabbli f'14,280 *glazed tiles* li jew ġà nbidlu jew li jinħtieġ li jinbidlu minħabba xogħol li sar kemm mhux skond l-arti u s-sens;

e) Fl-aħħarnett fil-paragrafu 53 tar-relazzjoni tiegħu l-Perit ma setax ikun aktar ċar milli kien meta qal illi ma' l-14,280 *glazed tiles* li jridu jinqalgħu u jitwaħħlu mill-ġdid għax maqtugħin minn mal-ħajt irid jiżdied perċentaġġ ta' *tiles* li wisq probabbli ssirilhom ħsara waqt ix-xogħol li jrid isir liema perċentaġġ hu stmah tal-5 fil-mija;

Fid-dawl ta' dan kollu li ngħad jidher li l-uniku konklużjoni li raġonevolment setgħet tasal għaliha l-ewwel Qorti kienet li jiġu wkoll akkolti t-tieni u t-tielet talbiet ta' l-atturi *nomine*. Infatti mhux biss ma rriżultax b'xi mod li l-atturi kienu ppreġudikaw il-każ tagħhom bil-miżuri temporanji li ħadu iżda rriżulta minflok li nonostante dawn il-miżuri kien għad hemm ħafna xogħol xi jsir kif fil-fatt ġie indikat mill-perit tekniku. Barra minn dan però din il-Qorti sempliċement ma tarax għaliex trattandosi ta' lukanda l-Ewwel Qorti donnha ppretendiet li l-atturi jħallu t-*tiles* jaqgħu waħda waħda u ma jirrimedjawx almenu temporanjament kif għamlu. Dak li kien importanti f'din il-kawża hu li x-xogħol sar ħażin u li bil-kuntratt li l-konvenut kien assuma r-responsabbilità *"for the proper and efficient carrying out of the whole of the work"* dak li evidentement hu ma għamilx. L-atturi *nomine* bix-xogħol rimedjali li esegwew bl-ebda mod

u fl-ebda ħin ma eżoneraw mill-konvenut mill-obbligi tiegħu. Ġaladarba x-xogħol sar ħażin il-konvenut għandu jagħmlu kollu skond is-sengħa u l-arti u jekk hemm bżonn anki billi jerġa' jaqla' dak li waħħlu l-atturi nomine;

Ikkunsidrat:

Illi għal dak li minn kostatazzjonijiet la l-konvenut u lanqas l-Ewwel *Qorti ma sabu x'jikkritikaw* u din il-Qorti ssib li għandha tagħmel tagħha r-rakkomandazzjonijiet li l-Perit għamel għar-rigward tax-xogħol li għandu jsir b'dan li ser tordna li x-xogħol kollu jsir taħt id-direzzjoni tiegħu. Kwantu għall-prezzijiet u spejjeż però din il-Qorti tirrileva li m'għandux ikun hemm limitazzjonijiet dwar x'jiġi jiswa x-xogħol li għandu jsir peress li dan jeżorbita mill-mertu tal-kwistjoni kollha li essenzjalment tirrisolvi ruħha fl-unika soluzzjoni raġġunġibbli u ċjoè illi *ġaladarba x-xogħol kellu jsir tajjeb anzi ta' l-aħjar kwalità u* minflok sar ħażin għandu jsir mill-ġdid kif suppost hi kemm hi l-ispiża. S'intendi x-xogħol rimedjali li sar mill-atturi *nomine* sakemm fil-fehma ta' l-istess perit nominand huwa sodisfaċenti m'għandux jiġi inkluż fix-xogħol li l-konvenut għandu jagħmel salv kull dritt ieħor ta' l-atturi *nomine "si et quatenus"* għar-rigward tax-xogħol minnu hekk magħmul;

*Għal dawn il-motivi tiddisponi mill-appell interpost mill-*atturi *nomine* billi tilqa' l-istess u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu astjeniet milli tippronunzja ruħha dwar it-tieni u t-tielet talbiet attriċi u in kwantu akkollat lill-atturi *nomine* nofs l-ispejjeż u minflok tilqa' t-tieni u t-tielet talbiet tagħhom u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut biex jagħmel tajjeb a spejjeż tiegħu għax-xogħol ħażin kollu li sar fit-termini ta' din is-sentenza fi żmien xahrejn

millum u dana taħt id-direzzjoni tal-Perit A.I.C. Michael Angelo Refalo li qed jiġi nnominat għal dan l-iskop u f'każ li jgħaddu inutilment ix-xahrejn imsemmija din il-Qorti qiegħda tawtorizza minn issa lill-atturi *nomine* biex taħt id-direzzjoni ta' l-istess Perit Legali jesegwixxu huma a spejjeż tal-konvenut ix-xogħol kollu neċessarju u opportun, l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a kariku tal-konvenut appellat.